



Brussell, 12 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonal:
2020/0120(NLE)

8797/20
ADD 1

ICAO 15
AVIATION 127
RELEX 446

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Ġunju 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 247 final
Suġġett:	ANNESS tal-PROPOSTA GĦAL DEĊIJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fir-rigward tan-notifika tad-differenzi b'rabta mal-Annessi 1 u 6 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali relatati mal-pandemja tal-COVID-19

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 247 final.

Mehmuż: COM(2020) 247 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.6.2020
COM(2020) 247 final

ANNEX

ANNESS

tal-

PROPOSTA GĦAL DEĊIJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fir-rigward tan-notifika tad-differenzi b'rabta mal-Annessi 1 u 6 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali relatati mal-pandemija tal-COVID-19

ANNESS

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea dwar in-notifika lill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ta' differenzi relatati mal-COVID-19

1. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni bi tweġiba għall-Ittra lill-Istati AN 11/55-20/50 maħruġa mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fit-3 ta' April 2020 hija li għandhom jiġu nnotifikati d-differenzi għall-Annessi 1 u 6 tal-Konvenzjoni ta' Chicago minħabba miżuri temporanji relatati mal-pandemija tal-COVID-19, kif inhu stipulat f'dan l-Anness u ddettaljat ulterjurment minn kull Stat Membru li jinnotifikasi f'konformità mal-eżenzjoni individwali tiegħu applikata skont l-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) 2018/1139.

2. SPJEGAZZJONI DETTALJATA

Id-differenzi li jridu jiġu ffajljati huma riflessi fit-tabella li ġejja u ddettaljati ulterjurment minn kull Stat Membru f'konformità mal-eżenzjoni individwali tiegħu applikata skont l-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) 2018/1139:

Anness u Numru tar- Referenza	Ġeneriku	Dettalji tad-Differenza	Kummenti – biex jiġu inklusi:
	Miżuri ta' tnaqqis		a. Raġunament
	Anness Standard jew Praktika Rakkomandata		b. Kundizzjonijiet/Mitigazzjonijiet

FORMOLA TA' NOTIFIKA TA' DIFFERENZI TEMPORANJI MINĦABBA L-COVID-19

B'referenza għall-Ittra lill-Istati AN 11/55-20/50, is-sottosistema tas-CCRD inħolqot fis-sistema eżistenti tal-Iffajjar Elettroniku tad-Differenzi (EFOD) biex tiġi identifikata kwalunkwe differenza għall-Istandards tal-ICAO dwar iċ-Ċertifikazzjoni u l-Liċenzjar li tista' tirriżulta minn miżuri ta' mitigazzjoni dovuti għat-tixrid tal-COVID-19.

Xieħ

Huwa rikonoxxut li jista' jkun meħtieġ li l-Istati jadottaw approċċi flessibbli biex jippermettu li l-fornituri ta' servizz u l-persunal iż-żommu l-validità taċ-ċertifikati, il-liċenzji u l-approvazzjonijiet l-oħra tagħhom b'rезультат tal-pandemja tal-COVID-19. Din il-formola tippermetti li Stat jidentifika dawn id-differenzi temporanji.

Għalfejn

Dan huwa meħtieġ biex l-Istati jiġu appoġġati fl-issodisfar tal-obbligi tagħħom skont l-Artikoli 38, 39 u 40 tal-Konvenzjoni, sabiex iwettqu operazzjonijiet internazzjonali fejn iċ-ċertifikati u l-liċenzji jvarjaw mill-Istandards minimi fl-Annessi. Hija tippermetti wkoll l-iskambju ta' informazzjoni dwar jekk id-differenzi nnotifikati jkunux se jiġu rikonoxxuti jew aċċettati minn Stati oħra matul dan il-perjodu.

Meta

Dawn il-miżuri temporanji jaapplikaw sal-31 ta' Marzu 2021. Din id-data hija suġġetta għal rieżami.

Min

Ma hemmx restrizzjoni dwar min jista' jimla l-formola. Madankollu, din tista' jiġi sottomessa biss mill-koordinatur nazzjonali ta' monitoraġġ kontinwu jew minn utent awtorizzat minn Stat Membru, li jkunu responsabbi biex jiżguraw akkuratezza tal-informazzjoni pprovduta.

Kif

Din il-formola telenka standards relatati speċifikament maċ-ċertifikazzjoni u l-liċenzjar tal-persunal li l-Istati jistgħu jqisu bħala meħtieġ li jiddevjaw minnhom. Ir-referenza għall-Anness speċifiku u l-Standard assoċjat huma ppreżentati fil-Kolonne 1 u 2. L-informazzjoni meħtieġa f'kull kolonna sussegwenti hija kif ġej:

Kolonna 3: Dettalji tad-Differenza.

Niżżej fil-qosor id-differenza għall-Istandards taċ-ċertifikazzjoni u tal-liċenzjar. Irreferi għad-dokumenti regolatorji relatati fejn xieraq.

Kolonna 4: Kummenti.

Agħti r-raġunament tiegħek għal dawn id-differenzi u d-dettalji ta' kwalunkwe kundizzjoni u mitigazzjoni fejn meħtieġ.

Anness u Numru tar- Referenza	Ġeneriku	Dettalji tad-Differenza	Kummenti – biex jiġu inklużi:
	Miżuri ta' tnaqqis		a. Raġunament
	Anness Standard jew Prattika Rakkomandata		b. Kundizzjonijiet/Mitigazzjonijiet

Kolonna 5: Rikonoxximent ta' Differenzi oħra bejn I-Istati.

Indika jekk I-Istat tiegħek huwiex se jirrikoxxi jew jaċċetta l-validità taċ-ċertifikati u l-liċenzji ta' Stati oħra abbażi tad-differenzi temporanji tagħhom sottomessi permezz tas-CCRD. Għas-sempliċità, dan jista' jiġi ddikjarat bħala eskużjoni (liema differenzi temporanji ta' Stati oħra mhumiex aċċettabbli) minflok ma jiġi elenkat x'jista' jkun aċċettabbli.

Jekk jogħġgbok ibgħat din il-Formola bl-email lil ops@icao.int.

<u>Anness 1</u>	1.2.4.4.1 Il-perjodu ta' validità ta' Valutazzjoni Medika jista' jiġi estiż sa 45 jum fuq diskrezzjoni tal-Awtorità tal-Liċenzjar.	Il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikati mediċi tal-Klassi 1 u 3 maħruġa mill-[Istat] huwa estiż b'4 xhur. <i>Nota.— Huwa rakkomandat li l-jum kalendarju li fih tiskadi l-Valutazzjoni Medika jinżamm kostanti sena wara sena billi l-iskadenza tal-Valutazzjoni Medika attwali titħallu tkun il-bidu tal-perjodu ta' validità l-ġdid, bil-kundizzjoni li l-eżami mediku jitwettaq matul il-perjodu ta' validità tal-Valutazzjoni Medika attwali iżda mhux aktar minn 45 jum qabel ma tiskadi.</i>	a) Raġunament Id-detenturi ta' ċertifikati mediċi tal-Klassi 1 u 3 li jkunu meħtieġa li jkunu suġġetti għal eżami mediku rikorrenti biex jivvalidaw mill-ġdid iċ-ċertifikati mediċi tagħhom biex ikomplu jeżerċitaw il-privileġġi tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat tagħhom, u li ma jkunux jistgħu jilhqqu jew jiksbu aċċess għal eżaminatur ajrummediku jew għal ċentru ajrummediku fil-ħin biex jikkompletaw l-eżami mediku meħtieġ. Barra minn hekk, f'ħafna każijiet l-eżaminaturi mediċi ġew assenjati mill-ġdid biex jappoġġaw it-tifqigħha tal-COVID-19 fl-Istat tagħhom. Dan kieku jirriżulta fl-iskadenza ta' dawn iċ-ċertifikati. b) Kundizzjonijiet/mitigazzjonijiet [L-Istat] jeħtieġ li d-detenturi ta' ċertifikat mediku tal-Klassi 1 u 3 li jibbenefik minn dan it-tnejjix ikollhom ċertifikat mediku validu mingħajr limitazzjonijiet, għajr dawk viżwali, qabel ma japplikaw għat-tnejjix.	Ikklikkja jew agħfas hawn biex iddaħħal it-test. Rigward iċ-ċertifikati u l-liċenzji maħruġa mill-Istati Membri tal-UE, id-differenzi jiġu rikonoxxuti awtomatikament abbażi tar-Regolament (UE) 2018/1139. Rigward ir-rikonoximent jew l-aċċettazzjoni tal-validità taċ-ċertifikati u l-liċenzji affettwati mill-miżuri temporanji speċjalji (relatati mal-COVID-19) maħruġa minn Stati mhux tal-UE, huwa applikabbli r-Regolament 452/2014 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru ta' pajiżi terzi. .
Anness 1	1.2.5.1.2 Ladarba Stat Kontraenti	Il-perjodu ta' validità tal-liċenzji	a) Raġunament	

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 452/2014 tad-29 ta' April 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru ta' pajiżi terzi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 133, 6.5. 2014

1.2.5.1.2	<p>jkun īareg liċenzja, huwa għandu jiżgura li l-Istat Kontraenti l-oħra jkunu ssodisfati fir-rigward tal-validità tal-liċenzja.</p> <p><i>Nota 1.— Sat-2 ta' Novembru 2022, iż-żamma tal-kompetenza ta' membri tal-ekwipaġġ tat-titjira jew ta' membri mbiegħda tal-ekwipaġġ tat-titjira involuti f'operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru tista' tiġi stabbilita b'mod sodisfaċenti billi tintwera l-ħila waqt kontrolli tal-profiċjenza fit-titjir ikkompletati f'konformità mal-Anness 6.</i></p> <p><i>Nota 1.— Mit-3 ta' Novembru 2022, iż-żamma tal-kompetenza ta' membri tal-ekwipaġġ tat-titjira involuti f'operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru tista' tiġi stabbilita b'mod sodisfaċenti billi tintwera l-ħila waqt kontrolli tal-profiċjenza fit-titjir ikkompletati f'konformità mal-Anness 6.</i></p> <p><i>Nota 2.— Sat-2 ta' Novembru 2022, iż-żamma tal-kompetenza tista' tiġi rreġistrata b'mod sodisfaċenti fir-reġistri tal-operatur, jew inkella fil-log book jew liċenzja tal-membru tal-ekwipaġġ tat-titjira.</i></p> <p><i>Nota 2.— Mit-3 ta' Novembru 2022, iż-żamma tal-kompetenza tista' tiġi rreġistrata b'mod sodisfaċenti fir-reġistri tal-operatur, jew inkella fil-log book jew liċenzja tal-membru tal-ekwipaġġ tat-titjira.</i></p>	<p>maħruġa mill-[Istat] huwa estiż b'4 xhur.</p> <p>Jekk, lejn tmiem l-estensjoni, ir-raġunijiet għall-għoti tat-traqqis ikunu għadhom jaapplikaw, il-perjodu ta' validità jista' jiġi estiż ulterjurment għal perjodu massimu ta' 4 xhur.</p> <p>Billi l-iandard rilevanti jiġi ssodisfat mill-perjodu ta' validità tal-klassifikazzjonijiet u l-approvazzjoni (klassifikazzjoni ta' klassi, tat-tip u tal-istrumenti, approvazzjoni tal-unità) assoċjat mal-liċenzja, l-estensjoni fir-rigward tal-perjodu ta' validità tapplika għal:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1) klassifikazzjonijiet tal-klassijiet, klassifikazzjonijiet tat-tip u klassifikazzjonijiet tal-istrumenti approvati fil-liċenzji ta' bdoti kummerċjali (CPL, MPL, ATPL) ta' bdoti li jħaddmu ajruplani u ħelikopters ma' operatur; 2) klassifikazzjonijiet tal-klassijiet, klassifikazzjonijiet tat-tip u klassifikazzjonijiet tal-istrumenti approvati fil-liċenzji ta' bdoti (PPL, CPL, ATPL) ta' bdoti involuti fit-tħaddim ta' ajruplani u ħelikopters mhux ma' operatur. 3) approvazzjoni jiet tal-unità maħruġa fil-liċenzji tal-kontrolluri 	<p>Id-detenturi ta' liċenzji ta' bdoti kummerċjali li sabiex ikomplu jeżerċitaw il-privileġġi tagħhom huma meħtieġa kemm iwettqu l-kontroll tal-profiċjenza tal-liċenzja tagħhom biex jivvalidaw mill-ġdid il-perjodu ta' validità tal-klassifikazzjonijiet tat-tip u tal-istrumenti tagħhom, kif ukoll jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbi ta' taħriġ u kontroll rikorrenti tal-operatur, ma jkunux jistgħu jilħqu jew jiksbu aċċess f'waqtu għal simulaturi tat-titjir biex jikkompletaw it-taħriġ u l-kontroll meħtieġa. Dan kieku jirriżulta fl-iskadenza tal-klassifikazzjonijiet tagħhom.</p> <p>Detenturi ta' liċenzji ta' bdot li ma joperawx ma' operatur, li huma meħtieġa jwettqu kontroll tal-profiċjenza biex jivvalidaw mill-ġdid il-perjodu ta' validità tal-klassifikazzjonijiet tal-klassi, tat-tip jew tal-istrumenti tagħhom, ma jkunux jistgħu jilħqu jew jiksbu aċċess f'waqtu għal simulaturi ta' inġenji tal-ajru jew tat-titjiriet biex jikkompletaw it-titjiriet, it-taħriġ u l-avvenimenti ta' kontroll meħtieġa.</p> <p>Detenturi ta' liċenzji tal-</p>	
-----------	---	--	--	--

	<p><i>tal-membru tal-ekwipaġġ tat-titjira jew tal-membru mbiegħed tal-ekwipaġġ tat-titjira.</i></p> <p><i>Nota 3.— Sat-2 ta' Novembru 2022, il-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira, sa fejn jitqies bħala fattibbli mill-Istat tar-Reġistrazzjoni, jistgħu jiddimostraw il-kompetenza kontinwa tagħhom f'FSTDs approvati minn dak l-Istat.</i></p> <p><i>Nota 3.— Mit-3 ta' Novembru 2022, il-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira u l-membri mbiegħda tal-ekwipaġġ tat-titjira, sa fejn jitqies bħala fattibbli mill-Istat tar-Reġistrazzjoni jew mill-Awtorità ta' Liċenzjar tal-Istat tal-Operatur, rispettivament, jistgħu jiddimostraw il-kompetenza kontinwa tagħhom f'FSTDs approvati minn dak l-Istat.</i></p> <p><i>Nota 4.— Ara l-Manual of Criteria for the Qualification of Flight Simulation Training Devices (il-Manwal tal-Kriterji għall-Kwalifika ta' Tagħmir ta' Taħriġ fis-Simulazzjoni tat-Titjir) (Dok 9625).</i></p> <p><i>Nota 5.— Ara l-Manual of Procedures for Establishment and Management of a State's Personnel Licensing System (il-Manwal tal-Proċeduri għall-Istabbiliment u l-Immaniġġar ta' Sistema ta' Liċenzjar tal-Persunal ta' Stat) (Dok 9379) għal materjal ta' gwida dwar l-</i></p>	<p>tat-traffiku tal-ajru.</p>	<p>kontrolluri tat-traffiku tal-ajru jesperjenzaw diffikultajiet biex jiksbu aċċess għal tagħmir sintetiku ta' taħriġ biex jikkompletaw l-aktivitajiet skedati tagħhom ta' taħriġ/valutazzjoni rikorrenti</p> <p>b) Kundizzjonijiet/mitigazzjonijiet</p> <p>[L-Istat] jeħtieġ li:</p> <p>1) Id-detenturi ta' liċenzja li jkollhom liċenzja valida qabel ma japplikaw għat-taqqsu u li joperaw ma' operatur għandhom ikunu ngħataw taħriġ ta' aġġornament, segwit mill-ikkompletar ta' valutazzjoni, b'mezi stabbiliti mill-operatur, biex jiġi ddeterminat li jinżamm il-livell meħtieġ ta' għarfien biex titħaddem il-klassi jew it-tip applikabbi. Dik il-valutazzjoni għandha tinkludi proċeduri anormali u ta' emerġenza li huma spċifici għall-klassi jew għat-tip.</p> <p>Mal-ikkompletar b'suċċess tat-taħriġ ta' aġġornament u tal-valutazzjoni, l-iskadenza l-ġidida</p>	
--	--	-------------------------------	---	--

	<p><i>iżvilupp ta' proċess ta' valutazzjoni tar-riskju.</i></p>	<p>tiġi approvata fil-liċenzja, jew inkella mal-liċenzja jiġi mehmaż dokument ufficjalibid-data ta' skadenza l-ġdida, maħruġ mill-[Istat].</p> <p>2) Detenturi ta' liċenzja valida qabel ma japplikaw għat-tnaqqis u li ma joperawx ma' operatur għandhom ikunu ngħataw briefing minn għalliem li jkollu privileġġi ta' tagħlim rilevanti, sabiex jiġi aġġornat il-livell meħtieġ ta' għarfien teoriku biex jitħaddem b'mod sikur il-klassi jew it-tip applikabbi u biex jitwettqu l-manuvri u l-proċeduri rilevanti, kif applikabbli. Dak il-briefing għandu jinkludi proċeduri anormali u ta' emerġenza spċifici għall-klassi/għat-tip, kif xieraq.</p> <p>Mal-ikkompletar b'succcess tal-briefing, l-iskadenza l-ġdida tiġi approvata fil-liċenzja, jew inkella mal-liċenzja jiġi mehmaż dokument ufficjalibid-data ta' skadenza l-ġdida, maħruġ mill-[Istat].</p>	
--	---	---	--

			3) Fil-każ tal-approvazzjonijiet tal-unità ATCO fil-liċenzi ATCO, il-fornitur ta' servizz tan-navigazzjoni bl-ajru (ANSP) jiġura li n-nuqqas ta' disponibbiltà potenzjali ta' tagħmir sintetiku ta' taħriġ jiġi mmitigat b'mezzi oħra, eż-za taħriġ ibbażat fuq il-komputer jew l-iskedar mill-ġdid tat-taħriġ ta' aġġornament mill-aktar fis-possibbli.	
Anness 6 Parti 1 9.4.1.1	<p>9.4 Kwalifikasi</p> <p><i>Nota.— Ara I-Manual of Procedures for Establishment and Management of a State's Personnel Licensing System (il-Manwal tal-Proċeduri għall-Istabbiliment u l-Immaniġġjar tas-Sistema ta' Liċenzjar tal-Persunal ta' Stat) (Dok 9379) għal gwida ta' natura ġenerali dwar kwalifikasi fost l-ekwipaġġi, titjir bi flotta mħallta u kreditu mħallat.</i></p> <p>9.4.1 Esperjenza reċenti — bdot fil-kmand u kobdot</p> <p>9.4.1.1 L-operatur ma għandux</p>	<p>Suġġett għall-evalwazzjoni ta' valutazzjoni tar-riskju, it-naqqis ipprovdut mill-[Istat] jippermetti li operaturi individwali jassenjaw kompiti tal-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira lil bdoti li ma jkunux qed jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha ta' esperjenza reċenti. It-naqqis huwa relatat jew:</p> <ul style="list-style-type: none"> a) mat-tnaqqis tal-ġhadd meħtieġ ta' qtugħi mill-art, avviċinamenti u l-landjar; jew b) mal-estensjoni tal-perjodu ta' 90 jum; jew c) mat-tnejn li huma. <p>It-naqqis huwa suġġett għal miżuri ta' mitigazzjoni.</p>	<p>a) Raġunament Il-ħalli tal-COVID-19 irriżultat fil-waqfien/tnaqqis sinifikanti ta' operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru u f'dififikultajiet biex jintlaħaq il-post fejn huma disponibbli simulaturi tat-titjir xierqa. Dan qed iwassal għal għadd kbir ta' bdoti li mhumiex kapaċi jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-esperjenza reċenti.</p> <p>b) Kundizzjonijiet/mitigazzjoni jiet [Istat] jeħtieġ dan li ġej.</p> <p>L-aktivitāt reċenti u l-kwalifikasi tal-bdot individwali, u l-kombinament tagħhom fl-ambjent operazzjonali b'aktar minn ekwipaġġ wieħed,</p>	<p>Ikklikkja jew agħfas hawn biex iddaħħal it-test.</p> <p>Rigward iċ-ċertifikati u l-liċenzi maħruġa mill-Istati Membri tal-UE, id-differenzi jiġu rikonoxxuti awtomatikament abbażi tar-Regolament (UE) 2018/1139.</p> <p>Rigward ir-rikonoxximent jew l-aċċettazzjoni tal-validità taċ-ċertifikati u l-liċenzi affettwati mill-miżuri temporanji speċjali (relatati mal-COVID-19) maħruġa minn Stati mhux tal-UE, huwa applikabbi r-Regolament 452/2014 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati</p>

	<p>jassenja bdot fil-kmand jew kobdot biex jopera l-kontrolli tat-titjira matul il-qtugħ mill-art u l-llandjar ta' tip jew ta' varjant ta' tip ta' ajruplan, sakemm dak il-bdot ma jkunx opera l-kontrolli tat-titjira matul mill-inqas tliet sessionijiet ta' qtugħ mill-art u l-llandjar fi ħdan id-90 jum preċedenti bl-istess tip ta' ajruplan jew f'simulatur tat-titjir approvat għal dak il-ġhan.</p>	<p>Il-kriterji użati għall-kompożizzjoni tal-ekwipaġġ tat-titjira se jiddistingu bejn bdoti li huma “reċenti”, “parzjalment reċenti” jew “mhux reċenti”. “Parzjalment reċenti” tħisser bdot li, bħala bdot ikun wettaq titjur li jinkludu mill-inqas 2 sessionijiet ta' qtugħ mill-art, ta' avviċinament u ta' llandjar fid-90 jum preċedenti, jew inkella sessjoni waħda (1) ta' qtugħ mill-art, ta' avviċinament u ta' llandjar fit-30 jum preċedenti. Barra minn hekk, jitqiesu l-esperjenza tal-bdot fit-titjir (total u fit-tip) u l-kwalifikasi tiegħu (eż-għalliem).</p> <p>Il-perjodu ta' tnaqqis huwa limitat għaż-żmien meħtieġ biex l-operatur ikampa mal-iskeda tat-titjiriet imnaqqa u man-nuqqas ta' disponibbiltà ta' simulaturi tat-titjir.</p> <p>Ma jingħata l-ebda tnaqqis jekk il-membri kollha tal-ekwipaġġ tat-titjira meħtieġa ma jkunux wettqu xi attivitā ta' titjira/simulatur fid-90 jum preċedenti.</p>	<p>jitqiesu għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kompożizzjoni mnaqqsa tal-ekwipaġġ.</p> <p>L-operatur huwa meħtieġ jiżviluppa valutazzjoni tar-riskju biex jiddetermina l-probabbiltà u s-severità potenzjali tad-deteriorament fil-kompetenza tal-ekwipaġġ relatat mal-assenza estiża mill-kompli tat-titjir.</p> <p>Iridu jiġu ddeterminati u applikati miżuri ta' mitigazzjoni xierqa biex jiġu minimizzati r-riskji identifikati, b'restrizzjoni operazzjonali waħda jew aktar li tkun valida għall-ekwipaġġ kollu tat-titjira biex jitnaqqas l-esponiment tagħhom għal sitwazzjonijiet eż-ġġenti (eż-it-naqqis tal-limiti massimi ta' riħ trażversali, l-introduzzjoni ta' valuri minimi oħla ta' avviċinament, restrizzjoni fuq il-kundizzjonijiet tas-superfiċje tar-runways, dispatching b'sistema ta' awtollandjar li taħdem, jekk din tkun installata).</p>	<p>mal-operazzjonijiet tal-ajru ta' pajiżi terzi.</p>
Anness 6 Parti 1 9.4.2.1	<p>9.4.2 Esperjenza reċenti — bdot ta' sostituzzjoni f'altitudni ta' kruċiera</p> <p>9.4.2.1 L-operatur ma għandux jassenja bdot biex jaġixxi bħala bdot ta'</p>	<p>It-naqqis ta' 9.4.1.1 huwa xieraq biex jiġi kopert it-naqqis mill-punt 9.4.2.1, billi qed jindirizza l-kompożizzjoni ġenerali tal-ekwipaġġ tat-titjira.</p>		

	<p>sostituzzjoni fil-fażi ta' kruċiera f'tip jew f'varjant ta' ajruplant dment li, fid-90 jum preċedenti, dak il-bdot ma jkunx jew:</p> <p>a) ħadem bħala bdot fil-kmand, kobdot jew bdot ta' sostituzzjoni fil-fażi ta' kruċiera fuq l-istess tip ta' ajruplan; jew</p> <p>b) għaddha minn taħriġ ta' aġġornament tal-ħiliet tat-titjir, inklużi proċeduri anormali u ta' emerġenza speċifiċi għal titjir ta' kruċiera fuq l-istess tip ta' ajruplan jew f'simulaturi tat-titjir approvat għal dak il-għan; u pprattika proċeduri ta' avviċinament u ta' l-landjar, fejn il-prattika tal-proċedura ta' l-landjar tista' titwettaq bħala l-bdot li ma jkunx qed itajjar l-ajruplan.</p>			
Anness 6 Parti 1 9.4.4.1	<p>9.4.4 Kontrolli tal-profiċjenza tal-bdoti</p> <p>9.4.4.1 L-operatur għandu jiżgura li t-teknika tal-pilotaġġ u l-kapaċità li jwettqu proċeduri ta' emerġenza jiġu cċekkji b'tali mod li tiġi ddimostrata l-kompetenza tal-bdot fuq kull tip jew varjant ta' tip ta' ajruplan. Fejn l-operazzjoni tista' titwettaq skont ir-regoli tat-titjir bl-strumenti, l-operatur għandu jiżgura li l-kompetenza tal-bdot li jikkonforma ma' dawn ir-regoli tiġi ddimostrata jew lil bdot ta' kontroll tal-operatur jew inkella lil rappreżentant tal-Istat tal-Operatur. Dawn il-kontrolli</p>	<p>Il-perjodu ta' validità tal-kontrolli tal-profiċjenza ta' operatur huwa estiż mill-[Istat] għal perjodu ta' 4 xhur.</p> <p>Jekk, lejn tmiem l-estensjoni, [I-istat] iqis li r-raġunijiet għall-għoti tat-tnaqqis ikunu għadhom jaapplikaw, il-perjodu ta' validità jista' jiġi estiż ulterjurment għal perjodu massimu ta' 4 xhur.</p>	<p>a) Raġunament: It-tifqigħha tal-COVID-19 irriżultat f'restrizzjoniċi drastiċi fl-ivvjaġġar. L-għeluq tal-fruntieri bejn il-maġġoranza tal-Istati tal-UE llimitat il-kapaċità tal-operaturi biex iwettqu kontrolli tal-kompetenza tal-bdoti darbejnej f'sena f'simulatur tat-titjir. It-twettiq ta' dawn il-kontrolli f'inġenju tal-ajru mhux dejjem ikun possibbi u f'xi każżejjiet jista' joħloq riskji akbar minn dawk marbuta mat-tnaqqis.</p>	<p>Rigward iċ-ċertifikati u l-liċenzji maħruġa mill-Istati Membri tal-UE, id-differenzi jiġu rikonoxxuti awtomatikament abbażi tar-Regolament (UE) 2018/1139.</p> <p>Rigward ir-rikonoximent jew l-aċċettazzjoni tal-validità taċ-ċertifikati u l-liċenzji affettwati mill-miżuri temporanji speċjali (relatati mal-COVID-19) maħruġa minn Stati mhux tal-UE, huwa applikabbi r-</p>

	<p>għandhom jitwettqu darbtejn fi żmien kwalunkwe perjodu ta' sena. Kwalunkwe żewġ kontrolli bħal dawn li jkunu simili u li jseħħu f'perjodu ta' erba' xhur konsekuttivi ma għandhomx jissodisfaw dan ir-rekwiżit waħidhom.</p> <p><i>Nota 1.— Tagħmir ta' taħriġ ta' simulazzjoni tat-titjir approvat mill-Istat tal-Operatur jista' jintuża għal dawk il-partijiet mill-kontrolli li għalihom ikunu approvati speċifikament.</i></p> <p><i>Nota 2.— Ara I-Manual of Criteria for the Qualification of Flight Simulation Training Devices (il-Manwal tal-Kriterji għall-Kwalifika ta' Tagħmir ta' Taħriġ ta' Simulazzjoni tat-Titjir) (Dok 9625).</i></p>		<p>b) Kundizzjonijiet/mitigazzjonijiet [L-Istat] jeħtieġ li l-bdot jircieu taħriġ ta' aġġornament segwit mill-ikkompletar ta' valutazzjoni, b'meżżi stabbiliti mill-operatur, biex jiġi ddeterminat li jinżamm il-livell ta' għarfien meħtieġ biex wieħed jopera bħala membru t-ekwipaġġ tat-titjira. Dik il-valutazzjoni għandha tħalli l-klassi jew it-tip – proċeduri anormali u ta' emerġenza speċifiċi.</p>	<p>Regolament 452/2014 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru ta' pajjiżi terzi.</p>
Anness 6 Parti 2 3.9.4.2	<p>3.9.4.2 Esperjenza reċenti — bdot fil-kmand</p> <p>L-operatur ma għandux jassenja bdot biex jaġixxi bħala bdot fil-kmand ta' ajruplan, dment li dak il-bdot ma jkunx għamel mill-inqas tliet sessionijiet ta' qtugħi mill-art u ta' l-landjar fid-90 jum preċedenti fuq l-istess tip ta' ajruplan jew f'simulatur tat-titjir approvat għal dan il-għan.</p>	<p>It-tnaqqis ta' 9.4.1.1 huwa xieraq biex jiġi kopert it-tnaqqis mill-punt 3.9.4.2, billi qed jindirizza l-kompożizzjoni ġenerali tal-ekwipagġġ.</p>		
Anness 6 Parti 2	3.9.4.3 Esperjenza reċenti - kobdot	It-tnaqqis ta' 9.4.1.1 huwa xieraq		

3.9.4.3	L-operatur ma għandux jassenja kobdot biex jopera l-kontrolli tat-titjira ta' ajruplan waqt sessjoni ta' qtugħ mill-art u ta' l-landjar, dment li dak il-bdot ma jkunx għamel mill-inqas tliet sessionijiet ta' qtugħ mill-art u ta' l-landjar fid-90 jum preċedenti bl-istess tip ta' ajruplan jew f'simulatur tat-titjir approvat għal dan il-ġhan.	biex jiġi kopert it-tnaqqis mill-punt 3.9.4.3, billi qed jindirizza l-kompożizzjoni ġenerali tal-ekwipaġġ.		
Anness 6 Parti 3 7.4.1.1	<p>7.4 Kwalifikasi</p> <p><i>Nota.— Ara l-Manual of Procedures for Establishment and Management of a State's Personnel Licensing System (il-Manwal tal-Proċeduri għall-Istabbiliment u l-Immaniġġjar tas-Sistema ta' Liċenzjar tal-Persunal ta' Stat) (Dok 9379) għal gwida ta' natura ġenerali dwar kwalifika fost l-ekwipaġġi, titjir bi flotta mħallta u kreditu mħallat.</i></p> <p>7.4.1 Esperjenza reċenti — bdot fil-kmand u kobdot</p> <p>7.4.1.1 L-operatur ma għandux jassenja bdot fil-kmand jew kobdot biex jopera l-kontrolli tat-titjira matul il-qtugħ mill-art u l-illandjar ta' tip jew ta' varjant ta'</p>	M/A		

	tip ta' ħelikopter, sakemm dak il-bdot ma jkunx opera l-kontrolli tat-titjira matul mill-inqas tliet sessjonijiet ta' qtugħ mill-art u l-landjar fi ħdan id-90 jum preċedenti bl-istess tip ta' ħelikopter jew f'simulatur tat-titjir approvat għal dak il-għan.			
Anness 6 Parti 3 7.4.3.1	<p>7.4.3 Kontrolli tal-profiċjenza tal-bdoti</p> <p>7.4.3.1 L-operatur għandu jiżgura li t-teknika tal-pilotaġġ u l-kapaċità li jwettqu proċeduri ta' emerġenza jiġu čċekkji b'tali mod li tiġi ddimostrata l-kompetenza tal-bdot fuq kull tip jew varjant ta' tip ta' ħelikopter. Fejn l-operazzjoni tista' titwettaq skont l-IFR, l-operatur għandu jiżgura li l-kompetenza tal-bdot li jikkonforma ma' dawn ir-regoli tiġi ddimostrata jew lil bdot ta' kontroll tal-operatur jew inkella lil rappreżentant tal-Istat tal-Operatur. Dawn il-kontrolli għandhom jitwettqu darbtejn fi żmien kwalunkwe perjodu ta' sena. Kwalunkwe żewġ kontrolli bħal dawn li jkunu simili u li jseħħu f'perjodu ta' erba' xhur konsekutivi ma għandhomx jissodisfaw dan ir-rekwiżiż waħidhom.</p> <p><i>Nota 1.— Tagħmir ta' taħriġ ta' simulazzjoni tat-titjir approvat mill-Istat tal-Operatur jista' jintuża għal dawk il-partijiet mill-kontrolli li għalihom ikunu approvati speċifikament.</i></p>	<p>Il-perjodu ta' validità tal-kontrolli ta' profiċjenza ta' operatur għal kull b'dot individwali huwa estiż mill-[Istat] għidher perjodu ta' erba' xhur.</p> <p>Jekk, lejn tmiem l-estensjoni, [I-Stat Y, Z] iqis li r-raġunijiet għall-għot ta' ikunu għadhom jaapplikaw, il-perjodu validità jista' jiġi estiż ulterjurment perjodu massimu ta' 4 xhur.</p>	<p>a) Raġunament: <u>It-tifqigħha tal-COVID-19 irriżultat f'restrizzjonijiet drastiċi fl-ivvjäggar tal-fruntieri bejn il-maġġoranza tal-UE il-limita il-kapaċità tal-operaturi biex iż-żeppi kontrolli tal-kompetenza tad-darbtejn f'sena f'simulatur tat-titjir. It-twettiq ta' dawn il-kontrolli f'inġeajru mhux dejjem ikun possibbli u f'jista' joħloq riskji akbar minn dawk mat-tnejjs.</u> <u>b) Kundizzjonijiet/mitigazzjonijiet</u> <u>[L-Istat] ieħtieġ li l-bdoti jingħataw aġġornament segwit mill-ikkomplet valutazzjoni, b'meżżi stabbiliti mill-o biex jiġi ddeterminat li jinżamm il-l-gharfiem meħtieġ biex wieħed jopermembru tal-ekwipaġġ tat-titjira. Dil valutazzjoni għandha tinkludi proċe anormali u ta' emerġenza speċifiċi għalli jew it-tip.</u> </p>	<p>Rigward iċ-ċertifikati u l-liċenzi maħruġa mill-Istat Membri tal-UE, id-differenzi jiġu rikonoxxuti awtomatikament abbażi tar-Regolament (UE) 2018/1139.</p> <p>Rigward ir-rikonoximent jew l-aċċettazzjoni tal-validità taċ-ċertifikati u l-liċenzi affettwati mill-miżuri temporanji speċjali (relatati mal-COVID-19) maħruġa minn Stati mhux tal-UE, huwa applikabbli r-Regolament 452/2014 li jistabbilixxi rekwiżi tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru ta' pappiżi terzi.</p>

	<p><i>Nota 2.— Ara I-Manual of Criteria for the Qualification of Flight Simulation Training Devices (il-Manwal tal-Kriterji għall-Kwalifika ta' Tagħmir ta' Taħriġ fis-Simulazzjoni tat-Titjir) (Dok 9625), Volum II — Ħelikopters.</i></p>			
Anness 1 1.2.9	<p>1.2.9 Kompetenza lingwistika</p> <p>1.2.9.1 Sat-2 ta' Novembru 2022, il-bdoti ta' ajrupla iġfna tal-ajru, ta' ħelikopters u ta' tlugħ motorizzat, kontrolluri tat-traffiku tal-ajru u l-operaturi ta' stazzjonijiet ajrunawtiċi għandhom jiddimostraw il-kapaċità li jitkellmu u jifhmu l-lingwa użata għall-komunikazzjoni bir-radju telefonja sal-livell spċifikat fir-rekwiżiti tal-kompetenza lingwistika fl-Appendix 1.</p> <p>1.2.9.1 Sat-3 ta' Novembru 2022, il-bdoti ta' ajrupla iġfna tal-ajru, ta' ħelikopters u ta' tlugħ motorizzat; bdoti mill-bon ajruplani, ta' iġfna tal-ajru, ta' gliders, ta' ingēnji tal-ajru li jaħi rotors, ta' tlugħ motorizzat jew ta' blalen tal-ajru liberi, kontrolluri tat-traffiku operaturi ta' stazzjonijiet ajrunawtiċi għandhom jiddimostraw il-kapaċità li jitkellmu u jifhmu l-lingwa użat għall-komunikazzjoni bir-radju telefonja sal-livell spċifikat fir-rekwiżiti tal-kompetenza lingwistika fl-Appendix 1.</p> <p>1.2.9.2 Rakkmandazzjoni. — <i>L-inġiniera tat-titjira, il-bdoti ta' gliders u ta' blalen tal-ajru liberi għandha ikollhom il-kapaċità li jitkellmu u jifhmu l-lingwa</i></p>	<p><u>L-intervall għall-evalwazzjoni formali tal-kompetenza lingwistika, preskritt mill-[Istat], ta' detenturi tal-liċenzja għal ajruplani u ħelikopters li jiddimostrar kompetenza taħt il-Livell ta' Espert (Livell 6) u li l-approvazzjoni tal-kompetenza lingwistika tagħhom tkun qed tiskadi, huwa estiż bi 8 xhur.</u></p> <p><u>L-intervall għall-evalwazzjoni formali tal-kompetenza lingwistika, preskritt mill-[Istat], tal-Kontrolluri tat-Traffiku tal-Ajru li l-approvazzjoni tal-kompetenza lingwistika tagħhom tkun qed tiskadi, huwa estiż b'4 xhur.</u></p> <p><u>Jekk, lejn tmiem l-estensioni, ir-raġunijiet għall-għoti tat-tnejnej ikunu għadhom japplikaw, il-periodu ta' validità jista' jiġi estiż ulterjurment sa periodu massimu ta' 4 xhur.</u></p>	<p>a) Raġunament It-tifqigħa tal-COVID-19 irriżultat f'restrizzjonijiet drastiċi fuq l-ivyja ġgħar u l-għeluq tal-fruntier bejn il-maġġoranza tal-Istati. Bħala konsegwenza, il-bdoti u l-Kontrolluri tat-Traffiku tal-Ajru, ma jistgħux jiksbu aċċess f'waqtu għal eżami biex iżommu l-kompetenza lingwistika tagħhom. Dan kieku jirriżulta fl-iskadenza tal-approvazzjoni tal-kompetenza lingwistika tagħhom.</p> <p>b) Kundizzjonijiet/mitigazzjonijiet [L-Istat] jeħtieġ dan li ġej. Il-bdoti għandhom approvazzjoni valida tal-kompetenza lingwistika, u jirċievu briefing mingħand għalliem li jkollu privileġġi ta' tagħlim rilevanti sabiex jaġġornaw il-livell ta' kapaċità meħtieġ biex jitkellmu u jifhmu l-lingwa li tintuża għall-komunikazzjoni bir-radju telefonja sal-interessi tas-sikurezza. Mal-ikkompletar b'suċċess tal-</p>	<p>Rigward iċ-ċertifikati u l-liċenzji maħruġa mill-Istati Membri tal-UE, id-differenzi jiġu rikonoxxuti awtomatikament abbażi tar-Regolament (UE) 2018/1139.</p> <p>Rigward ir-rikonoximent jew l-aċċettazzjoni tal-validità taċ-ċertifikati u l-liċenzji affettwati mill-miżuri temporanji spċċiali (relatati mal-COVID-19) maħruġa minn Stati mhux tal-UE, huwa applikabbi r-Regolament 452/2014 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru ta' pajiżi terzi.</p>

	<p><i>użat għall-komunikazzjoni bir-radjutelefonija.</i></p> <p>1.2.9.3 In-navigaturi tat-titjira li huma meħtieġa już ir-radju telefown abbord inġenju tal-ajru għandhom jiddimostraw il-kapaċità li jitkellmu u jifhmu il-lingwa użat għall-komunikazzjoni bir-radjutelefonija.</p> <p><i>1.2.9.4 Rakkomandazzjoni.— In-navigaturi tat-titjir meħtieġa jużaw ir-radju telefown abbord inġenju ta' għandhom jiddimostraw il-kapaċità li jitkellmu u jifhmu il-lingwa użat għall-komunikazzjoni bir-radjutelefonija sal-livell speċifikat fir-rekwiżi tal-kompetenza lingwistika fl-Appendiċi 1.</i></p> <p>1.2.9.5 Sat-2 ta' Novembru 2022, il-kompetenza lingwistika tal-bdoti tal-ajrplani, tal-iġfna tal-ajru, ġelikopters u tat-tluġħ motorizzat, tal-kontrolluri tat-traffiku tal-a ta' operaturi ta' stazzjonijiet ajrunawtiċi li jiddimost kompetenza taħt il-Livell ta' Espert (Livell 6) għand tiġi evalwata f'intervalli skont il-livell ta' kompetenza ddimostrat mill-individwu.</p> <p>1.2.9.5 Mit-3 ta' Novembru 2022, il-kompetenza lingwistika tal-bdoti tal-ajrplani, tal-iġfna tal-ajru, ġelikopters u tat-tluġħ motorizzat; ta' bdoti mill-bogħod ta' ajrup tal-ajru, gliders, inġenji tal-ajru li jaħdmu bir-rotors, ta' tluġħ motor ta' blalen tal-ajru liberi, ta' kontrolluri tat-traffiku tal-ajru; u ta' opera stazzjonijiet ajrunawtiċi li jiddimostrar kompetenza</p>	<p>briefing, l-iskadenza l-ġidida tiġi approvata fil-liċenzja, jew inkella mal-liċenzja jiġi meħmuż dokument uffiċjali bid-data ta' skadenza l-ġidida, maħruġ mill-[Istat].</p> <p>Għall-Kontrolluri tat-Traffiku tal-Ajru li jkollhom approvazzjoni valida tal-kompetenza lingwistika, f'każ tan-nuqqas ta' disponibbiltà ta' Korp ta' Valutazzjoni tal-Lingwi, il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom jiżguraw li l-kompetenza lingwistika tiġi żgurata b'mezzi oħra, eż-korsijiet online.</p>	
--	---	---	--

	<p>taħt il-Livell ta' Espert (Livell 6) għandha tiġi evalwa formalment f'intervalli skont il-livell ta' kompetenza ddimostrat minn individwu.</p> <p>1.2.9.6 Rakkomandazzjoni.— <i>Sat-2 ta' Novembru 2018</i> <i>il-kompetenza lingwistika ta' bdoti ta' ajruplani, ta' iżfna tal-ajru, ta' ħelikopters u ta' tluqħ motoriz, ta' navigaturi tat-titjira meħtieġa jużaw ir-radju telefown abbord ingenu tal-ajru, ta' kontroll traffiku tal-ajru u ta' operaturi ta' stazzjonijiet ajrunawtiċi li jiddimos kompetenza taħt il-Livell ta' Espert (Livell 6) għandha tiġi evalwata formalment f'intervalli skont il-livell ta' kompetenza ddimostrat mill-individwu, kif ġej:</i></p> <ul style="list-style-type: none"> <i>a) dawk li jiddimostrar kompetenza lingwistika fil-Operazzjonali (Livell 4) għandhom jiġu evalwati mill-inqas darba kull tliet snin; u</i> <i>b) dawk li jiddimostrar kompetenza lingwistika fil-Estiż (Livell 5) għandhom jiġu evalwati mill-inqas darba kull sitt snin.</i> <p><i>Nota 1.</i>— <i>Mhixiex meħtieġa evalwazzjoni formali għal applikanti li jiddimostrar kompetenza lingwistika esperta, eż. kelliema nattiv mhux nattivi profiċjenti bi djalett jew b'aċċent li jinfiehem fil-komunità ajrunawtika internazzjonali.</i></p> <p><i>Nota 2.</i>— <i>Id-dispożizzjoni jiet ta' 1.2.9 jirreferu għal Anness 10, il-Volum II, il-Kapitolu 5, fejn il-lingwa li tintuża għall-komunikazzjoni bir-radjutelefonija ti-ġi evalwata formalment mill-istazzjon fl-art jew l-Ingliż. Għalhekk, fil-pratti, ikun hemm</i></p>		
--	---	--	--

	<p><i>sitwazzjonijiet fejn il-membri tal-ekwipaġġ tat-titjir jkunu meħtieġ jitkellmu biss il-lingwa li normalmen tintuża mill-istazzjon fl-art.</i></p> <p>1.2.9.6 Rakkomandazzjoni.— <i>Mit-3 ta' Novembru 2018 il-kompetenza lingwistika ta' bdoti ta' ajruplani, ta' iġfna tal-ajru, ta' ħelikopters u ta' tluġħ motoriz. bdoti mill-bogħod ta' ajruplani, ta' iġfna tal-ajru, ta' ta' inġenji tal-ajru li jaħdmu bir-rotors, ta' tluġħ mojew ta' blalen tal-ajru liberi, ta' navigaturi tat-titjira meħtieġa jużaw ir-radju telefown abbord inġenju tal-ajru, ta' kontrolluri tat-traffiku tal-ajru; operaturi ta' stazzjonijiet ajrunawtiċi li jiddimostrar kompetenza taħbi il-Livell ta' Espert (Livell 6) għandha tiġi evalwa formalment f'intervalli skont il-livell ta' kompetenza ddimostrat mill-individwu, kif ġej:</i></p> <ul style="list-style-type: none"> <i>a) dawk li jiddimostrar kompetenza lingwistika fil-Operazzjonali (Livell 4) għandhom jiġu evalwati mill-darba kull tliet snin; u</i> <i>b) dawk li jiddimostrar kompetenza lingwistika fil-(Livell 5) għandhom jiġu evalwati mill-inqas darba kull sitt snin.</i> <p><i>Nota 1.</i>— <i>Mhixiex meħtieġa evalwazzjoni formali għal applikanti li jiddimostrar kompetenza lingwistika esperta, eż. kelliema nattiv mhux nattivi profiċjenzi bi djalett jew b'aċċent li jinfiehem fil-komunità ajrunawtika internazzjonali.</i></p> <p><i>Nota 2.</i>— <i>Id-dispożizzjonijiet ta' 1.2.9 jirreferu għal Anness 10, il-Volum II, il-Kapitolu 5, fejn il-lingwa li għall-komunikazzjoni bir-radju telefonija jista' jkun il-lingwa li tintuża normalment mill-istazzjon fl-art jew l-Ingliż.</i></p>		
--	--	--	--

	<p><i>Għalhekk, fil-prattika, ikun hemm sitwazzjonijiet fejn il-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira u l-membri mbiegħda tal-ekwipaġġ tat-titjira jkunu jitkellmu biss il-lingwa li tintuża normalment mill-is-fl-art.</i></p>			
Anness 1 4.2.2.	<p>4.2.2.2 Il-privileġġi tad-detentur ta' liċenzja ta' manutenzjoni tal-ingħenji tal-ajru speċifikati f'4.2.2.1 għandhom jiġu eżerċitati biss:</p> <p>c) bil-kundizzjoni li, fl-24 xahar preċedenti, id-detentur tal-liċenzja jkun jew kellu esperienza fl-ispezzjoni, is-servizzjar jew il-manutenzjoni ta' ingħenju tal-ajru jew ta' komponenti f'konformità mal-privileġġi mogħtija mil-liċenzja akkwistata għal mhux inqas minn sitt xhur, jew ikun issodisfa d-dispożizzjoni għall-ħruġ ta' liċenzja bil-privileġġi xierqa, għas-sodisfazzjon tal-Awtorità tal-Liċenzjar.</p>	<p>Il-perjodu “preċedenti” huwa estiż mill-[Istat] għal perjodu ta' 6 xhur, jiġifieri l-perjodu preċedenti jammonta għal total ta' 30 xahar. L-esperjenza reċenti ta' sitt xhur mhixiex modifikata.</p>	<p>Raġunament It-tifqigħha tal-COVID-19 wasslet għal restrizzjonijiet drastiċi fl-ivvjaġġar. Ir-restrizzjonijiet lokali jistgħu jipprevjenu lill-organizzazzjonijiet approvati u lill-personal ikkwalifikat milli jiddimostrar is-sodisfazzjon tar-rekwiżiti għall-kontinwazzjoni taċ-ċertifikati jew tal-privileġġi tagħhom sal-iskadenzi stabbiliti. Kundizzjonijiet/Mitigazzjonijiet [L-Istat] jeħtieġ li, meta l-personal taċ-ċertifikazzjoni jaħdem għal organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata, din l-organizzazzjoni tista' tapplika din l-estensjoni għar-rekwiżiti ta' esperjenza reċenti tal-personal taċ-ċertifikazzjoni tagħha, meta l-organizzazzjoni approvata ma tkunx pendent minn sospensionijiet, revoki jew limitazzjonijiet, jew ma</p>	<p>Rigward iċ-ċertifikati u l-liċenzji maħruġa mill-Istati Membri tal-UE, id-differenzi jiġu rikonoxxuti awtomatikament abbażi tar-Regolament (UE) 2018/1139.</p> <p>Rigward ir-rikonoximent jew l-aċċettazzjoni tal-validità taċ-ċertifikati u l-liċenzji affettwati mill-miżuri temporanji speċjali (relatati mal-COVID-19) maħruġa minn Stati mhux tal-UE, huwa applikabbli r-Regolament 452/2014 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru ta' pajjiżi terzi.</p>

		<p>tkunx ġiet suġġetta għal sospensjoni mill-awtorità kompetenti fl-24 xahar preċedenti.</p> <p>Barra minn hekk, il-punt 66.B.500 tal-Anness III (il-Parti 66) tar-Regolament (UE) 1321/2014 jiżgura miżuri ta' mitigazzjoni addizzjonali li permezz tagħhom l-awtorità kompetenti għandha tissospendi, tillimita jew tirrevoka l-liċenzja ta' manutenzjoni tal-ingienji tal-ajru fejn tkun ġiet identifikata problema ta' sikurezza jew imġiba ħażina mid-detentur tal-liċenzja.</p>	
--	--	---	--